

# Il-Festa ta' Dari

Anthony Fenech

## Iż-Żmien

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Dan mhux ħlief wieħed mill-qwiel fuq iż-żmien. Ħafna kitbu u ħolqu proverbji biex juru x'jafu fuq din il-kelma bħal "Iż-żmien isajjar il-bajtar" u "Iż-żmien ma jwaqqfu ħadd", iżda sa fejn naf jien ħadd għadu ma wasal jgħidilna eżatt x'inhu. Xi ħadd darba qal li ż-żmien hu xi ħaġa li ma tħallix l-affarijiet iseħħu f'daqqa, imma wara xulxin b'intervall bejniethom. Imma b'daqshekk bqajna li ż-żmien hu xi ħaġa u mhux x'inhu. Hi ħaġa ċerta li din ix-xi ħaġa ġġib magħha bidla li aktarx dak li kien fl-imgħoddi ma jerġa' lura qatt. Dak li xi darba rajnieh tajjeb u adatt fid-dehra u fl-ambjent fejn kien, illum forsi narawh li ma kienx jixraq jekk mhux ukoll ikrah u mhux f'postu. Il-gosti jinbidlu u x'għad naraw u nesperjenzjaw ma nafux. Saħansitra jista' jkun, u ħadd m'għandu għalxiex jistagħġeb li dak li xi darba kien meqjus bħala ħażin u mhux ta' min jagħmlu, illum jew għada jsir tajjeb u azzjoni komuni li tindara minn kulħadd. Saħansitra wiċċ il-bniedem jinbidel. Ħares lejn ritratt ta' ġemgħa nies. Mal-ewwel daqqa t'għajn lejn l-uċuħ u l-ilbies tinduna jekk tkunx quddiem folla ta' nies li kienu jgħixu żmien qabel. Iż-żmien ibiddel kollox imqar l-uċuħ tal-bnedmin. Dan biex ma nsemmix id-drawwiet u l-festi ta' dari u l-mod kif missirijietna kienu jżejnu l-knisja tagħhom fi żmien il-festa. Dan kollu ġie f'moħħi hekk kif bdiet toqrob il-festa l-kbira tagħna tas-Salvatur.

## Id-Damask il-Qadim

Ibda biex. sakemm niftakar jien, fil-knisja xorta waħda kien jintrama d-damask, naturalment il-qadim, billi l-ġdid kien għadu ma sarx. Il-Kappillan Carmelo Lija, Alla jagħtih il-Ġenna, kien diġà xtara d-drapp aħmar sabiħ tal-ħarir fin bid-disinn tas-siġar tal-palm minn Franza - drapp tal-aqwa kwalità u tal-aqwa lewn - sa minn qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, iżda ma kienx għad ġie mfassal u meħjut. Ta' min jistenna li dan id-damask il-qadim kien iġded u aħjar dak iż-żmien milli hu llum. Mhux għax illum ta' min jarmih, anqas.

Hu wkoll tal-ħarir fin, aħmar u bid-disinn tal-palma wkoll. U bħall-affarijiet oħra tal-knisja jintrama u jiżżarma b'delikatezza kbira biex tiġrilu ħsara mill-inqas. Imma ż-żmien iqaddem kollox u llum xi partijiet minn dan id-damask kellhom jinbidlu u fil-preżent jintrama għall-festi tal-Milied, ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesù.

Id-damask il-ġdid tfassal u nħiet wara li spiċċat il-gwerra u biex ikun mill-isbaħ inxtara għal miegħu gallun bil-ħjut tad-deheb li jżejjen ukoll il-purtieri tal-bibien flimkien mal-paviljuni fuq l-artali.

## Il-Mixegħla tas-Saqaf

Barra minn dan niftakar li quddiem kull tieqa ta' taħt is-saqaf tal-knisja –tnax b'kollox - kien hemm bħal važun kbir li minnu kienet tidher ħierġa pjanta bil-weraq u fjuri, kollox impitter fuq l-injam hekk li minn isfel kollox jidher bħallikieku veru. Fin-nofs ta' kull fjura kien hemm bozza tal-elettriku. Barra minn dan matul it-tarf taċ-ċinta kollha tal-knisja kien ħemm imwaħħla, madwar kull żewġ piedi, bħal xemgħa qasira b'bozza tal-elettriku fit-tarf ta' fuq. Dan kien isir ukoll mat-tondjaturi ta' fuq il-bibien tas-sagristiji u tal-kmamar żgħar li hemm pariġġhom, sitta b'kollax.

Ngħid il-verità b'għajnejja ta' tifel din id-dehra kienet tassew sabiħa u l-knisja kienet tieħu bħal dehra ta' teatru fl-aqwa tiegħu. Wara kollox il-knejjes bl-istil barokk mhumiex ħlief swali mill-isbaħ tas-Sultan il-Kbir. Illum nifhem li dawn il-bozoz kollha mad-dawra tal-knisja kienu jagħtu dehra sabiħa fil-għajn imma li jtuk idea ta' xejxi u tiżjin żejjed li ma tantx jixraq lid-Dar ta' Alla li titlob serjetà, rażan u sbuħija fl-istess ħin. Imma ż-żmien ibiddel kollox meta daħal l-użu li l-bozoz jew mezzi oħra tad-dawl ikunu moħbija u jidher biss id-dawl li joħroġ minnhom biex l-attenzjoni taqa' fuq l-oġġett imdawwal, u hawn nifhmu l-pittura ta' Calì u Cortis, u mhux fuq l-oriġini tad-dawl innifsu. Hekk il-bukketti tal-fjuri jixegħlu fit-twieqi u x-xemgħat ta' madwar iċ-ċinta tneħħew u s-saqaf beda jinxtgħel bit-tubi 'neon' tal-elettriku, hekk li ma jidhrux minn isfel billi kienu moħbija fuq ġewwa nett taċ-ċinta. Ikolli ngħid li b'dan id-dawl il-pittura ħadet dehra ġdida u sabiħa. Iżda hawn inqalgħet diffikultà mhix żgħira. Xi wħud minn dawn it-tubi bdew jixegħlu u jitfu- ngħidu aħna jpetptu- forsi minħabba li l-voltaġġ tal-elettriku kien jitbaxxa minħabba n-numru bla qjies ta' bozoz jixegħlu matul il-festa. Billi ma nstab ebda rimedju għal dan u d-dehra tad-dawl jixgħel u jitfi ma kenitx tixraq fil-knisja, dawn it-tubi tneħħew u minn flokhom tqiegħdu bozoz komuni moħbija bir-riżultat li d-dawl naqas u, kif naħseb jien, ma kienx biżżejjed biex il-pittura ta' Qalì u Cortis titgawda fil-

glorja kollha tagħha. Dan jidher ċar ukoll meta tagħmel paragun mas-soqfa ta' knejjes oħra mixgħula fil-ġranet tal-festa.

Meta ftit ilu nkixfet il-koppla biex tidher il-pittura restawrata famuża ta' Calì - it-twelid ta' Ġesù Kristu - il-koppla dehret mixgħula sabiħ u b'mod adegwat b'sistema ġdida ta' dawl li nittama titkompla mas-saqaf kollu tal-knisja meta l-bqija tal-pittura tkun ukoll restawrata u mikxufa.

## Il-Maskli fuq iz-Zuntier

Fit-tlitt ijiem tat-Tridu, lejliet u nhar il-Festa kienu f'nofs inhar jisparaw il-maskli fuq iz-zuntier tal-knisja n-naħa ta' fejn hemm l-uffiċċju tal-Kappillan. Dawn il-maskli kienu jkunu tal-ħadid jew tal-bronż. Min jaf x'sar minnhom u għand min qeghdin illum, l-aktar dawk tal-bronż! Kellhom forma ta' bott b'toqba fin-nofs. F'din il-ħofra kienu jixħtu l-porvli u fuqu ftit xaħx jew trab tal-ġebel. Imbaghad kienu jippressaw kollox; il-porvli taħt u x-xaħx fuq. Bejniethom il-maskli kien jinfirex il-porvli biex in-nar jghaddi minn masklu għall-iehor. Kienu jagħmlu ħoss kbir meta jisparaw u mal-ħoss itellgħu bħal funtana tan-nar ukoll. Kienu jdawru l-post fejn kienu jinħarqu dawn il-maskli permezz ta' slielem biex ħadd ma jersaq lejhom. Meta jisparawhom wara xulxin konna nsejħulhom serefut. Xi drabi kienu jisparawhom waħda waħda permezz ta' lasta li fit-tarf tagħha kienu jwaħħlu ftila tixgħel. Naħseb li kienet tkun il-lasta li biha s-sagrstan kien jixgħel ix-xemgħa tal-artali.

## Id-Dwal fit-Toroq

Matul il-festa t-toroq tar-raħal kienu jkunu mżejna bit-trofej, bnadar, antaljoli u tiżjin ieħor. F'misraħ Sant'Andrija kienet ukoll tintrama' kuruna sabiħa li llum qdiemet u m'għadniex narawha aktar, iżda jgħidu li għad fadal xi partijiet minnha. Min jaf jekk għadx tissewwa u tintrama' mill-ġdid! Flok bid-dawl elettriku, il-mixegħla kienet issir biż-żejt. Għalkemm mhux qawwi daqs dak bil-bozoz, dan id-dawl kellu s-seher tiegħu ukoll, Kien dawl ħaj, inemnem u jitqawwa u jnin fiż-żiffa ħelwa ta' fil-għaxija sajfi. Imma kellu d-difetti tiegħu ukoll. Meta kien jinfoħ xi ftit ir-riħ jew tgħolli rasha ż-żiffa, il-lampi taż-żejt kienu jintfew u niftakar in-nies jgħidu: "Ma rnexxiex id-dawl dis-sena." Għadni nġib quddiem għajnejja lil dawk inkarigati jixxabtu fuq sellum tal-ħabel mal-faċċata tal-knisja jixegħlu t-tazzi taż-żejt ma' nżul ix-xemx. Is-siġar il-kbar ta' fuq iz-zuntier kienu jinxtegħlu lejliet il-festa biss. Kienu jgħidulna: "Toqgħodx hemm taħt għax qed iqattar iż-żejt" Il-lampi taż-żejt kienu minn kull lewn u taħthom kienu jiddendlu dawk il-priżmi tal-ħġieġ li f'dak id-dawl kienu jilmu bl-ilwien kollha tal-qawsalla.

Min jaf x'sar minnhom illum u min jaf fejn qegħdin? It-tazzi kienu jkunu mimlija nofshom bl-ilma u n-nofs ta' fuq biż-żejt għax iż-żejt eħfef mill-ilma u joqgħod fil-wiċċ. Ftila qasira kienet titħalla tgħum fiż-żejt fuq biċċa landa bi tliet ponot u f'kull ponta kien ikun hemm biċċa ċkejkna sufra biex kollox iżżomm fil-wiċċ. Meta wasal id-dawl elettriku, id-dawl biż-żejt inbidel f'dak ġej mill-bozoz kif nafuh illum. Sadattant xi ħadd ġietu l-idea li jsir disinn bħal ta' kannizzata mimlija friegħi bħal ta' dielja u għenieqed tal-għeneb, kollox tal-injam fuq sfond aħmar, mixgħula b'mijiet ta' bozoz ikkuluriti għal fuq il-faċċata tal-Knisja li xerqet ħafna u għadha tintrama sal-lum. Naħseb li din hi unika għal pajjiżna u tagħti dehra mill-isbaħ lill-knisja tagħna fil-jiem tal-festa.

## Il-Bejjiegħa fit-Toroq

Fit-triq ta' quddiem il-knisja, qiegħed ngħid għal dik li kien hemm qabel ma nfetħet it-triq li hemm illum u li tissejjaħ Vjal it-Trasfigurazzjoni, kienu jintramaw tilari fuq l-istrippi mimlija oġġetti għall-bejgħ. L-aktar imfittxija kienu dawk tal-qubbajt u naħseb li ebda familja f'Ħal Lija ma kienet tibqa' nieqsa minn dik il-biċċa qubbajt tal-festa. Setgħet tagħżel bejn dak iebes ġebla qisu ħġieġa li taħsbu ser ikissirlek snienek meta tipprova tigdmu u dak artab. Bejjiegħ minnhom tal-qubbajt li spiss kien jgħajjat: "Iż-Żebbuġi għadu hawn!", niftakru dejjem u għadu jiġi jżurna kull sena. Imma dak li kien jolqotni l-aktar kien dak li jbigħ gandlieri, fjuriti , ċensieri u ħwejjeġ oħra tal-knisja, naturalment kollox ċkjken fid-daqs għal dawk it-tfal li dak iż-żmien kienu jilagħbu bihom id-dar. It-tfal tal-lum għandhom logħob differenti u qajla għadhom jilagħbu bil-knisja. Mhux għaġeb li dak li kien ibigħ dawn l-affarijiet għosfor u ma bqajtx narah aktar!

## Logħob tan-Nar tal-Art

Dan il-logħob tan-nar tal-art ma kien jonqos qatt lejliet il-festa u niftakar li ftit kienu jkunu dawk li jonqsu milli jmorru jarawh. Kien jibda għal xi l-ħdax ta' bil-lejl u jintrama fit-triq quddiem il-knisja. Iz-zuntier kien ikun mimli bin-nies biex jarawh. L-ewwel jibdew jinħarqu l-irdieden u wara kull waħda kien jinġibed tokk bil-qanpiena l-kbira. Ma nafx jekk din id-drawwa għadhiex issir illum meta dan l-logħob isir 'il bogħod mill-knisja u għalhekk ma mortx narah aktar. Fl-aħħar ma kenitx tonqos dik li konna nsejħulha l-faċċata tal-knisja mibnija fuq erba' antaljoli n-naħa tax-xellug inti u tħares lejn il-knisja. Niftakar li nofsha kienet tkun fit-triq u n-nofs l-ieħor fuq iz-zuntier. Fil-bidu kien jixgħel nofs, imbagħad in-nofs l-ieħor u wara

tixgħel kollha f'daqqa. Fit-tarf ta' kull sufarell kien ikun hemm bomba. Min jaħdimha naħseb li kien ifassalha fuq il-faċċata tal-knisja tagħna. Kulħadd kien jistenna dik li konna nsejħulha l-miġnuna: raddiena mdaqqsa li kienet titla' ddur fl-ajru. Meta tilħaq l-ogħla post kienet tinfetaħ f'ħafna stilel ta' kull lewn. Meta bdiet il-Lotterija Nazzjonali bl-ewwel premju ta' ħamsin elf lira sterlina, il-Gvern ta' dak iż-żmien kien jagħmel reklam bil-logħob tan-nar biex iħajjar lin-nies jixtru biljett u jittantaw xortihom. F'din il-biċċa ġiġġifogu, kif konna u għadna nsejħulu dan il-logħob tan-nar tal-art, kienet turi bħal xintilli sofor mil-lewn id-deheb ħerġin minnha u jixterdu mal-art bħal minn funtana. Kienu qishom eluf ta' liri tad-deheb neżlin mis-sema dritt għal ġol-but! Kif tista' tibqa' mingħajr biljett u titlef somma bħal dik li tagħmlek sinjur kbir – dak iż-żmien!

Mhemmx għalfejn ngħidu li l-murtali ma' kinux jonqsu. Ħal Lija kienet u għadha msemmija ghalihom, kemm dawk tal-bomba kif ukoll tal-kulur! Xi drabi tal-bomba kienu jkunu qawwija hekk li jriegħdu l-bini u jdarrsu l-widnejn. Tant kien ikun hemm minnhom li ma kienu jispiċċaw qatt u ma jħallu ebda mistrieħ l-aktar waqt l-Ewwel Għasar wara t-Traslazzjoni. Illum m'għadhomx jisparaw bombi daqshekk qawwija, u jagħmlu sewwa billi kull żejjed inbidded!

Kien hemm żmien meta l-murtali kienu pprojbiti għalkollox. Kif jiġri dejjem, aktar ma jkunu pprojbiti aktar kienu jissugraw jisparawhom b'mod sigriet u minn naħiet li ma tistennihomx. U, ngħiduha kif inhi, kienu jidhru aktar sbieħ! Kienu jtellgħuhom minn postijiet li ma tistenniex u li ma tkunx taf bihom qabel. Ħafna minn dawk imsejħa tal-kulur ma kienx ikun hemm, forsi tużżana b'kollox, imma kollha kbar u ta' tipi differenti. Kont nitla' fuq il-bejt biex ma nitlifx wieħed u ngawdihom sewwa minn dak il-waqt li jisparaw mill-kanna sakemm jinfetħu u jimlew l-ajru b'kuluri li jpaxxu l-għajn.

## Illum

Meta tikber ċertu entużjażmu jibred u l-attenzjoni taqa' fuq affarijiet aktar serji. Ħafna minn dak li ktibt fuqu għadu jsir illum ukoll, għalkemm forsi b'mod differenti. Il-festa għadni nħobbha għalkemm kif diġà ktibt, in-nar tal-art ma bqajtx immur narah minn meta beda jinħaraq f'postijiet 'il bogħod mill-knisja. Meta kont għadni ċkejken kont naħseb li l-knisja tar-raħal, l-istatwa tas-Salvatur u l-festa kienu l-akbar, l-isbaħ u l-aqwa ta' pajjiżna. Illum, wara li kbirt, qrajt u sifirt, sirt naf kemm jeżistu knejjes, statwi u opri tal-arti ferm akbar, u isbaħ. Tikber u titgħallem, jgħid il-qawl Malti, u hekk

hu tassew. U ż-żmien jagħtina parir għax kif rajna kollox jinbidel u l-knisja għażiża taghna tkun imżejna kif narawha llum.

Imma... Zomm ftit! Dawn xi ħsejjes huma ġejjin minn barra! Din mhux il-ħoss tal-banda? Żgur ġej il-marċ tal-ewwel Tridu! Ara, ħa nieqaf nikteb u mmur fil-bieb nisma' u nara l-banda għaddejja u n-nies mexjin magħha. Xejn briju, qbiż u għajjat bla sens, iżda paċi, mistrieħ u serħ mill-ħidma tal-jum għad-daqq ferrieħ tal-marċ fiż-żiffa ħelwa tas-sajf Malti... X'gost! Fl-aħħar waslet il-festa tar-raħal tagħna...

Mar Bazaar

Women's, Men's, Children's Clothes, Underwear & Lingerie, Shoes, Mobile Cards, Stationery & Gifts, Detergents, Household goods, Toiletries, Toys & Sweets, Haberdashery etc...

Preziosi Street, Lija • Tel: 2141 8735

ANTHONY GRECH

WELDER / BURNER
QUALIFIED CITY & GUILDS

*Tel:* **2143 0186** *Mob:* **9986 0859**

Dolceria Percius & Co. Ltd.

Caterers for Weddings, Engagements, Baptisms, Buffets and various other occasions

**Dolceria Percius,** Main Street, Lija • Tel: 2144 2534
E-mail: folly@maltanet.net • Prop Paul Fenech (Mob: 9949 4762)